MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 548/2005

**Paul Schembri**

**Vs**

**Dram Company Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:

Illi, bi skrittura tad-19 ta' Lulju 2002 (Dokument A) huwa kera lill-kumpanija konvenuta il-garage minghajr l-arja tieghu, li jinsab f' Haz-Zebbug, Malta, Triq Luret Cutajar, bla numru, jismu 'Glandon' gia 'Garage B', ad uzu esklussiv ta' printing press (stamperija) u bil-pattijiet u bil-kera stipulati fl-istess skrittura;

Illi, permezz tal-klawsola numru sitta ta’ l-imsemmija skrittura, il-partijiet stipulaw illi “fil-kaz li l-kumpnija inkwilina tibqa moruza fil-pagament tal-kera ghal zewg rati konsekuttivi, jew tkun debitrici f’ ammont ekwivalenti, il-lokatur Paul Schembri jkollu d-dritt li “ipso jure” jittermina l-prezenti lokazzjoni u jiehu lura l-pussess tal-garage, bil-benefikati relativi, bla ma l-kumpanija inkwilina jkollha dritt ta’ xi kumpens – dana pero wara li l-istess lokatur ikun interpella bil-miktub lill-kumpanija inkwilina biex thallas u dina ma thallasx fi zmien sebat ijiem min-notifika ta’ l-interpellazzjoni”;

Illi l-kumpanija konvenuta naqset milli thallas l-iskadenzi tal-kera li ghalqu fid-19 ta’ Lulju 2004, fid-19 t’ Ottubru 2004, fid-19 ta’ Jannar 2005 u fid-19 t’ April 2005 u llum hija debitrici ta’ l-attur fis-somma ta’ Lm2600 (elfejn u sitt mitt lira maltija);

Illi l-attur interpella lill-kumpanija konvenuta, biex thallas l-imsemmija skadenzi ta’ kera fuq indikat, permezz ta’ ittri registrati tal-25 ta’ Novembru 2004, 19 ta’ Jannar 2005 u 21 t’ April 2005 (Dok B, C u D), kif ukoll permezz ta’ ittra ufficjali tas-26 ta’ Mejju 2005 (Dok E);

Illi, minkejja l-imsemmija interpellazzjonijiet, il-kumpanija konvenuta baqghet sa llum ma hallsitx l-iskadenzi ta’ kera dovuti lill-attur u ghalhekk abbazi ta’ l-imsemmija klawsola sitta, ta’ l-iskrittura tad-19 ta’ Lulju 2002, l-attur ghandu dritt jittermina l-lokazzjoni ipso jure;

Ghalhekk l-attur talab li l-kumpannija konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandiex:-

tiddikjara u tiddeciedi illi l-kumpanija konvenuta kisret il-kundizzjonijiet ta’ l-iskrittura tad-19 ta’ Lulju 2002 u ghalhekk l-attur ghandu dritt jittermina l-kirja tal-garage “Glandon” gia “Garage” Triq Luret Cutajar, Zebbug;

tiddikjara xolta l-istess kirja maghmula bl-iskrittura tad-19 ta’ Lulju 2002 rigwardanti l-garage fuq imsemmi u tawtorizza lill-attur jirriprendi l-pussess ta’ l-imsemmi garage;

tikkundanna lil-kumpanija konvenuta biex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, tizgombra mill-garage ‘Glandon’ gia ‘Garage B’ Triq Luret Cutajar, Zebbug;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittri interpellatorji tal-25 ta’ Novembru 2004, 19 ta’ Jannar 2005, u 21 t’ April 2005 u l-ittra ufficjali tas-26 ta’ Mejju 2005, kontra s-socjeta konvenuta li giet mharrka biex tidher u ghas-subizjoni, u b’ riserva tad-drittijiet kollha spettanti lill-attur, inkluz id-dritt ghall-hlas tal-kera arretrat u kull eventwali kumpens ghall-okkupazzjoni;

Rat illi s-socjeta konvenuta debitament notifikata naqset li tidher u naqset li tippresenta nota ta’ eccezzjonijiet;

Rat in-nota tal-attur tas-7 ta’ Novembru 2005 li biha huwa ceda l-mertu pero’ zamm ferm il-kap tal-ispejjez;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhud prodott mill-attur;

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ Novembru 2005 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza dwar il-kap tal-ispejjez;

Peress li mill-provi u mic-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz, b’mod partikolari li c-cwievet tal-fond in kwestjoni gew ritornati fil-mori tal-kawza, jirrizulta li s-socjeta konvenuta ghandha tigi kundannata thallas l-ispejjez tal-kawza;

Ghal dawn il-motivi:

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu u tiddeciedi billi tikkundanna s-socjeta konvenuta thallas l-ispejjez kollha tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------